

Brussell, 26 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12552/17

AGRI 499
AGRIFIN 94
FIN 571
ENV 770

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	WK 6117 2017: 5647/17: 5647/17
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 34/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Ġlieda kontra l-Heġla tal-Ikel: opportunità għall-UE sabiex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katina tal-provvista tal-ikel" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Settembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 34/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Ġlieda kontra l-Heġla tal-Ikel: opportunità għall-UE sabiex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katina tal-provvista tal-ikel"

adottati mill-Kunsill fit-3560 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Settembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 34/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il-Ġlieda kontra l-Ħela tal-Ikel: opportunità għall-UE sabiex ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi tal-katina tal-provvista tal-ikel"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali 34/2016 tal-Qorti, li jeżamina r-rwol li l-UE jista' jkollha fil-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel;
- (2) JISSOTTOLINJA x-xewqa tal-Kunsill li jiġġieled il-problema tal-ħela tal-ikel u f'dan ir-rigward IFAKKAR:
 - fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari" tal-20 ta' Ġunju 2016¹; u
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "telf u ħela ta' ikel" tat-28 ta' Ġunju 2016²;
- (3) JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra biex jieħdu kont debitu ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill meta jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

¹ Dok. 10518/16.

² Dok. 10730/16.